ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-429 laqgħa tal-Kunsill li saret
nhar il-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Marc Vella Bonnici u s-Sinjura Anna Calleja.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella u s-Sur Mark Grech kienu assenti.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-aħħar paragrafu ta' paġna 115, u minflok il-kliem "kienet ser tipparteċipa" jitniżżel il-kliem "kien imiss li tipparteċipa".

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-428 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur John J Pace qal illi l-attivita` tal-karnival kienet saret u mexa kollox tajjeb imma minħabba l-maltemp is-servizz tal-banda li kien ser isir mis-Societa Filarmonica Maria Mater Gratiae kellu jitħassar. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Societa Filarmonica Maria Mater Gratiae tintalab tagħti servizz mill-banda tagħha fl-ewwel attivita` li ser ikollu l-Kunsill minflok s-servizz li kellu jingħata fil-Karnival.

Is-Sur John J Pace irrefera għall-ittra li kienet intbgħatet mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent Speċjali mal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali u staqsa jekk kienx ġie kjarifikat jekk it-tqassim tal-fuljetti li allegatament għamel is-Sur Camilleri kienx sar

mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku, is-Sur Domenic Agius li fiż-żmien li allegatament tqassmu l-fuljetti kien uffiċjalment għadu Sindku, ċaħad li kien qabbad lis-Sur Camilleri sabiex iqassam xi fuljetti għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien informa bil-miktub lis-Sur Jimmy Magro, Konsulent fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sur John J Pace staqsa fhiex kien wasal il-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien qed jistenna risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali peress illi kien tqajjem dubju dwar l-ekwivalenza tal-kwalifiki li għandhom ikollhom l-applikanti li ntalbu jibgħatu l-applikazzjoni tagħhom mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex isiru *traffic lights* fi Triq San Ġużepp ma' Triq Villabate. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa fuq is-sit mal-perit ta' Transport Malta pero il-Kunsill għad ma rċiviex risposta.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx staqsa fuq liema bażi kienet ittieħded id-deċiżjoni li jingħata kumpens lir-residenti ta' Marsascala li joqgħodu qrib l-impjant ta' reċiklaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dwar dan kien tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Marsaskala u nfurmah illi l-kumpens kien ingħata wara miżura li kienet ittieħdet fil-*budget* u wara li ġiet ikkunsidrata d-distanza tar-residenti mill-impjant.

Is-Sindku talab li l-Kunsill jikteb lill-Wasteserv u lill-Enemalta u jistaqsi kif kienet qed toħroġ il-*grant* u liema residenti kienu qed jieħdu dan il-benefiċċju. Dan peress illi ż-Żabbarin li joqgħodu fil-viċinanzi tal-impjant qed ibgħatu l-konsegwenzi minħabba l-impjant għar-reċiklaġġ u m'huma qed jieħdu l-ebda tip ta' kumpens. Is-Sur Brian Spiteri qal li fuq l-*internet* jista' jkun hemm xi tip informazzjoni dwar il-kumpens li qiegħed jingħata lir-residenti ta' Marsaskala.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob benefiċċju għar-residenti ta' St Peter's li joqgħodu fil-viċinanzi tal-impjant ta' Barkat u li qed ibgħatu l-konsegwenzi minħabba l-impjant.

Is-Sindku qal illi kien sar ix-xogħol ta' tindif tal-*culverts* ta' Triq Alessio Erardi. Is-Sindku qal ukoll illi l-ilma tax-xita li kien qed jinġabar fit-triq kien konsegwenza ta' *road hump* li hemm fil-viċinanzi tal-*culvert.*

Item 4 – Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-minuti tal-50 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

Item 5 - Approvazzjoni ta' Finanzi

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mit-12 ta' Frar 2014 sal-12 ta' Marzu 2014 li kienet tammonta għal €43,169.46.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2014 li kien jammonta għal €89.39.

Offerti għal-Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Traffiku (2/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' manutenzjoni ta' sinjali u marki tat-traffiku (ZLC 2/2012) kien ser jeskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel laqgħa mal-kuntrattur responsabbli qabel ma tittieħed deċiżjoni jekk iġeddidx il-kuntratt jew le.

Item 6 – Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-sena 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Annwali finali għas-sena finanzjarja 2014. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondat mis-Sinjura Anna Calleja.

Item 7 – Ħatra ta' Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sinjorina Catherine Busuttil biex tkun l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu mas-Segretarjat tal-Onorevoli Dr Jose' Herrera, Segretarju Parlamentari tal-Kultura u l-Gvern Lokali, ġiet diskussa l-possibilta` li bejn il-25 ta' April u 27 ta' April 2014 jiġi organizzat irtir għal żgħażagħ ta' bejn it-tnax u l-ħmistax–il sena u li jitratta diversi suġġetti b'rabta mal-Vot 16. Is-Sindku qal li s-Segretarjat ippropona li jagħti *sponsor* ta' €500 sabiex isir dan l-irtir filwaqt li l-Kunsill jipprovdi t-trasport. Il-ħlas ta' parteċipazzjoni għal dan l-irtir issir mill-parteċipanti.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas għat-trasport tal-irtir.

Item 8 – Korrispondenza

Is-Segretarju ressaq stima mingħand il-kumpanija AID li tammonta għal €299 sabiex jinxtraw *cordless microphones* biex jintużaw għal-laqgħat tal-Kunsill minflok *microphones* bil-wire.

Is-Sindku qal li mill-prezz ta' €299 li l-kumpanija AID qed titlob għal dawn il-*cordless microphones* għandu jitnaqqas l-valur stipulat fit-tender għall-*microphones* li l-kumpanija kellha tipprovdi skond it-tender. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unaniment li jixtri l-*cordless microphones* iżda dan mhux qabel isir it-tnaqqis fil-prezz tal-*microphones* li kellha tipprovdi l-kumpanija skond is-sejħa għall-offerti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Greenpak, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċess proġett edukattiv u tqassim ta' boroż f'Ħaż-Żabbar ser jinbeda f'April filwaqt li l-proċess sabiex il-borża s-sewda tieqaf tinġabar nhar ta' Tlieta minn Ġunju li ġej .

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament illi jkunu mġedda għal sena oħra il-kuntratti mal-kumpanija Greenpak għall-ġbir ta' skart separat bieb bieb, għar-reċipjenti għal skart separat (*Recycling Banks 1100 ltrs*) u *Bring In Sites*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Tanita Vella, mill-*Island Insurance Brokers* relatata ma talba li saret mill-Kunsill għall-stima sabiex jiġu assigurati is-Sur Brandon Luke Meilaq u s-Sur Louis Scerri, l-ħaddiema li jaħdmu taħt l-iskema *Community Work Scheme* kif ukoll is-Sur Andy Whiteford u s-Sur Gaetano Gatt, ħaddiema assenjati mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qed jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar. L-ammont li l-Kunsill irid iħallas għal l-erba' ħaddiema hu ta' €132.45

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jikkonsidra jekk iżommx iż-żewġ priġunieri mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qed jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar peress illi l-ispiża tagħhom tlaħħaq mal-€250 fix-xahar. Is-Sindku qal ukoll li kien irċieva talba mill-Kunsillier is-Sur Joseph Agius sabiex il-priġunieri jkunu jistgħu jdumu xogħol sas-sitta ta' filgħaxija sabiex ikun jista jwassal lil-priġunieri. Dan peress illi s-Sur Grazio Gerada, l-ħaddiem tal-IPSL assenjat mal-Kunsill kien irrifjuta li jwassal lill-priġunieri wara li tkellem mal-kumpanija tal-IPSL u nfurmawh li ma kienx obbligat iwassal il-priġunieri.

Is-Sur Marc Vella Bonnici talab li l-Kunsill jikteb lill-kumpanija tal-IPSL u jistaqsi jekk is-Sur Grazio Gerada jistax iwassal lill-ħaddiema tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-Sur Buttigieg qal li l-Kunsill ma jafx x'inhi r-raġuni għalfejn qed jirrifjuta li jwassal lil dawn il-ħaddiema. Fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jitkeb l-IPSL sabiex tingħata risposta formali jekk is-Sur Grazio Gerada jistax iwassal lill-ħaddiema mill- Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu nklużi fil-polza t'assigurazzjoni tal-Kunsill il-ħaddiema s-Sinjuri Brandon Luke Meilaq u Louis Scerri ħaddiema li qed jaħdmu taħt l-iskema Xogħol fil-Komunità, kif ukoll s-Sur Andy Whiteford u s-Sur Gaetano Gatt li ġew mibgħuta mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u li qed jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Marco Cassar, mill-Grupp tal-Iscouts ta' Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie mitlub iħallas is-somma ta' €100 għas-servizz tal-grupp fil-korteo li sar nhar is-Sibt, 1 ta' Frar, 2014. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lill-Grupp tal-Iscouts li t-talba tal-Grupp ma tistax tiġi aċċettata u li l-Kunsill kien ser jikkonsidra ħlas għal servizzi oħra li jistgħu jintalbu mill-Kunsill fil-futur.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur David Magro, Assistent Segretarju Privat fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, li talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex bozza pubblika li qed titgħatta b'siġra ta' terzi persuni terġa' tinkixef billi tinżabar is-siġra. Għalkemm ir-residenti li għandhom din is-siġra ġew avżati għal aktar minn darba, huma baqgħu ma rranġawx il-problema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jirreferu l-każ lill-Pulizija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Etienne Sultana, mill-Ministeru għaż-Żgħażagħ u Sports li qed iressaq l-ilment tar-residenti ta' Triq in-Naħla dwar l-istat ħażin li tinsab fiha t-triq speċjalment meta tagħmel x-xita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ser jgħaddi kopja ta' din il-korrispondenza lill-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Sindku qal illi l-librerija tal-Kunsill hija t-tielet l-aktar librerija li qed tintuża f'Malta. Waqt laqgħa li kellu mas-Sur Steve Borg, mid-Dipartiment tal-Libreriji ġie ssuġġerit illi fil-librerija tal-Kunsill isir aktar xkaffar u jitwaħħlu *blinds.* Is-Sur Borg issuġġerixxa sabiex jitwaħħlu tabelli fil-lokalita` li jindikaw illi l-librerija qiegħda fil-bini tal-Kunsill u li l-librerija hija aċċessibli għall-persuni b'diżabilità. Is-Sur Borg issuġġerixxa illi jekk il-Kunsill joħroġ l-ispejjeż tal-materjal, id-Dipartiment tal-Libreriji joħroġ l-ispejjeż tax-xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' l-proposti tas-Sur Borg.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Debarro, student tal-Junior College li talab sabiex jagħmel xogħol volontarju fil-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqa` mas-Sur Debarro biex ikun jaf aktar dwar din l-iskema ta' xogħol.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur David Muscat dwar tismija ta' toroq ġodda f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, l-Kunsill qabel unanimament li l-parti l-ġdida ta' Triq Madaffa għandha tissemma Triq il-Farfett tal-Fejġel u mhux Triq il-Madaffa peress illi r-residenti diġa għandhom id-dettalji tagħhom fuq Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Dwar it-talba li saret mis-Sinjura Lorna Magro biex jingħata isem għal Triq Ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg qabel li jitlob lill-Transport Malta informazzjoni dwar din it-triq.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, l-Kunsill qabel unanimament li l-parti l-ġdida ta' Triq Ħadd in-Nies għandha titqies bħala kontinwazzjoni ta' Triq Ħadd in-Nies u għalhekk jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

Inqrat Memo 3/ 2014 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward sejħiet ġodda għal-offerti tal-Kunsill Lokali dwar il-ġbir ta' skart domestiku. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill *quotations* mibgħuta mis-Sur Gordon Grech għal-xiri ta' kompjuters. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħafna mill-kompjuters tal-impjegati tal-Kunsill kellhom bżonn jinbidlu. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-kumpanija *TCTC* sabiex jitlob lill-kumpanija tipprovdi kompjuters għall-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Daniel Casingena fejn talab sabiex jingħata isem lit-triq ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex ikun jaf jekk din it-triq hix privata jew pubblika.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn NASOM fejn intalab ħlas ta' sħubija ta' €30. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill iġedded din is-sħubija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur John Fenech, Chairman tan-NASOM dwar id-deċiżjoni li kienet itteħdet mill-MEPA rigward il-funderija Hompesch Steel u l-istorbju li jiġi ġġenerat mit-tip ta' xogħol li jsir fis-sit. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sur John Fenech, kien issuġerixxa li l-NASOM terġa' titlob lill-MEPA titratta l-problema ta' ħsejjes ikkawżata minn din il-funderija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2014 fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ser tkun ta' €770,890.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Annabel Desira dwar sessjonjiet ta' *story telling* li qiegħdin isiru fil-bini tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien hemm konkorrenza tajba ħafna matul l-attivitajiet tal-*storytelling* li saru sa issa.

Is-Sinjura Calleja qalet li s-Sinjura Desira talbet sabiex flimkien mal-Kunsill jiġu organizzati sessjonijiet ta' *homework methods*, *child minding services* u *homework strategies* għall-ġenituri. L-ispejjeż relatati ma dawn il-proġetti jitħallsu taħt il-*Parental Empowerment Programme*. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu organizzati dawn is-sezzjonijiet għall-ġenituri.

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 5 ta' Marzu, 2014 u tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's li saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2014.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill *statement* mibgħut mill-kumpanija Central Trading Co Limited dwar *retention fee* dovuta lil din il-kumpanija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas ir-*retention fee* sakemm il-kumpanija Central Trading tiggarantixxi li tagħmel tajjeb għall-ħsarat li jistgħu jinqalgħu skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ryan Attard f'isem il-kumpanija Agius Stone Works Limited fejn informa l-Kunsill li l-pompa sommerġibbli li kienet ser titpoġġa fl-għajn tal-bhejjem kellha sentejn garanzija. Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir pompa sommerġibbli fl-għajn tal-bhejjem skond il-prezz tal-kuntratt.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Reuben Pullicino f'isem il-Kumitat tal-Mużew tas-Santwarju dwar talba għal tabelli li jindikaw postijiet ta' mportanza turistika f'Ħaż-Żabbar fosthom il-Mużew tas-Santwarju. Fuq proposta ta' John J Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru tabelli li jindikaw il-postijiet ta' nteress f'Ħaż-Żabbar bħal Mużew tas-Santwarju, l-għajn tal-bhejjem u x-xelter ta' Misraħ is-Sliem.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġent Segretarju tar-Reġjun Xlokk fejn il-Kunsill ġie nfurmat li r-Reġjun kien qed jagħmel il-ko-ordinazzjoni neċessarja biex joħroġ sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni tas-sistema tad-dawl tat-toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-eżitu tal-laqgħa li saret fil-Kunsill taż-Żejtun fejn ġiet diskussa s-sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li kif ġie deċiż f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill ikompli l-proċess għal sejħa ta' offerti għall-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq flimkien mal-Kunsill Lokali Żejtun u l-Kunsilli Lokali l-oħra li diġa qablu li jissieħbu biex tinħareġ sejħa pubblika konġunta għal dan is-servizz.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Laurence Bugelli f'isem is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex jiġi organizzat kunċert annwali flimkien mal-Kunsill liema spiża għall-Kunsill tkun ta' €1,160. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dan il-kunċert flimkien mas-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC fejn ġie propost illi l-korsijiet tal-kompjuter ECDL u Learn IT jibqgħu għaddejin sal-aħħar t' April. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa

mas-Sur Ray Abela, Direttur Maniġerjali tal-kumpanija, biex flimkien tiġi diskussa l-possibilità li jintlaħaq ftehim u l-Kunsill jingħata żewġ kompjuters bħala kumpens.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Abela Associates Limited dwar talba għall-ħlas ta' €118.83 għal tqassim ta' fuljetti għall-korsijiet *I Kids.* Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax din it-talba qabel issir il-laqgħa mas-Sur Abela peress illi l-kumpanija *TCTC* qed tagħmel użu mill-bini tal-Kunsill mingħajr ħlas.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr Franco Mercieca dwar proġett A+ Accessibility Award 2014 sabiex il-Kunsill jipparteċipa għall-*accessibility award.* Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista' jressaq il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill billi jsiru sinjali għal nies nieqsa mid-dawl, bandla għal nies b'diżabilità u *toilets* aċċessibli għal persuni b'diżabilità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill stimi għas-servizz ta' internet sabiex ikun jista' jsir *live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali u tal-Kumitat Amministrttiv St Peter's. Il-kumpanija Melita offriet is-servizz ta 60M/4Mps għall-prezz ta' €70.00 fix-xahar u l-kumpanija GO 3offriet is-servizz ta' 5/5Mps li tammonta għal €70.00 fix-xahar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta tal-Go li kienet l-aktar offerta vantaġġuża u jipprova jinkludi dan is-servizz mal-ftehim tat-telefonija tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-istimi għat-telefonija ċellulari tal-Kunsill. Il-kumpanija Vodafone kienet qiegħda toffri kuntratt ta' sentejn għall-ħlas ta' €50 fix-xahar għal Red Plan, il-kumpanija GO kienet qiegħda toffri kuntratt ta' sentejn għall-ħlas ta' €50 fix-xahar għal Limitless Plan u l-kumpanija Melita li qiegħda toffri kuntratt ta' sentejn għall-ħlas ta' €50 fix-xahar għal XXL Plan. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jistaqsi lill-kumpanija GO jekk jistax jingħata prezz aħjar in vista tal-kuntratt fit-telefonija li għandu l-Kunsill mal-kumpanija u f'każ li ma jingiebx prezz inqas mill-€50 il-Kunsill iżomm il-kuntratt mal-kumpanija Vodafone.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Manwel Borg dwar l-attivita` Maratona bir-Roti 2014 li se tiġi organizzata sabiex jinxtraw *defibrilators* fl-iskejjel primarji.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Michael Cohen dwar il-ħatra ta' Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ minn barra l-lokalita`, wara li l-Kumitat ta' Monitoraġġ Vot 16 qed jiġi avviċinat minn Kunsilli Lokali li mhux qed isibu żgħażagħ fil-lokalita` tagħhom interessati sabiex ikunu maħtura Ambaxxaturi Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Kathleen Sammut, *Mentoring Programme Promoter* dwar proġett li ser isir bit-tema *Gender Balance in Decision – Making.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Carm Mifsud Borg, mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar *culverts* li ser isiru fi Triq Wied il-Għajn.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Tiziana Farrugia dwar inċident bil-vettura li allegatament kellha fi Triq ix-Xgħajra, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat fil-vettura li jammontaw għal €304. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u l-kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tingħata tweġiba skond id-deċiżjoni tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Abdilla dwar inċident li allegatament kellu bil-vettura tiegħu fi Triq il-Madaffa, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu li jammonta għal €105. Fuq proposta tas-Sur Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi mwieġba.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Micallef dwar inċident li allegatament seħħ mis-Sur Joseph Mifsud fil-vettura tiegħu fi Triq iż-Żinġla, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu li jammonta għal €70.80. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u l-kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi mwieġba.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Martin Bugelli dwar inċident li allegatament seħħ fil-vettura tiegħu fi Triq il-Kapuċċini, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu li jammonta għal €185. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u l-kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi mwieġba.

Inqrat *Memo* 25/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' inizjattivi għall-attivitajiet 2013-2014.

Inqrat ċirkulari 2/2014 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali dwar programm ta' taħdidiet dwar il-kura primarja tas-saħħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Emanuel Psaila dwar inċident li allegatament seħħ fil-vettura tiegħu fi Triq Bormla, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu li jammonta għal €98. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u li kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi mwieġba.

Item 9– Korrispondenza tas-Sindku

Is-Sindku qal illi l-Ministeru għat-Turismu kien lest li jistampa 5, 500 *flyer* bl-attivitajiet tal-Ġimgħa l-kbira li ser isiru fil-lokalita` ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid iħallas biss għat-tqassim ta' dawn il-*flyers*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas għat-tqassim ta' dawn il-flyers.

Is-Sindku qal li waqt diskussjoni li kellu mas-Segretarjat għall-Anzjani ġiet diskussa l-possibilità li l-Kunsill jibbenifika mill-ammont ta' €5,000 sabiex jagħmel emendi fl-infrastruttura tal-bini ta' fejn ikun ser isir id-*Day Centre*. Is-Sindku ippropona li jkabbar is-sala tal-Kunsill, jibdel il-ħġieġ u l-madum u għalhekk is-sala tal-Kunsill tintuża bħala *Day Centre* matul il-ħinijiet ta' filgħodu. Is-Sur Brian Spiteri qal illi dan ix-xogħol kien ser jiswa lill-Kunsill ħafna iktar minn €5,000. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġib stimi sabiex isir tibdil strutturali fis-sala bil-għan li din tibda tintuża bħala *Day Centre* għall-anzjani.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi nhar is-Sibt 15 ta' Marzu 2014 ser isir xogħol ta' tindif u manutenzjoni fil-Masġar taż-Żebbuġ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Dan ix-xogħol ser isir flimkien mal-Universita' ta' Malta, l-MCAST, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u s-Segretarjat Parlamentari għall-Isports u ser ikun jikkonsisti f'tindif, żbir, tħawwil ta' siġar, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u xogħol ieħor ta' manutenzjoni. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jinforma d-Dipartiment tal-Artijiet u d-Dipartiment tal-Agrikoltura bix-xogħol li ser isir. Is-Sindku qal ukoll illi dan ix-xogħol kien ser isir mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat sabiex flimkien mal-Partit Laburista u mal-Partit Nazzjonalista jorganizza kompetizzjoni tal-*American Pool*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attivita` u li jingħataw *trophies* lir-rebbieħa.

Is-Sindku qal li flimkien mas-Sur Marc Vella Bonnici kien qed isiru negozjati mal-Kunsill ta' Eschborn sabiex jingħata ammont ta' flus biex tiġi restawrata l-Mina ta' Ħompesch.

Is-Sindku issuġġerixxa li flimkien mal-Koperattiva tal-Bdiewa jsir restawr tal-erba' ġibjuni sabiex l-ilma li mhux jintuża jibda jintuża mill-bdiewa tal-koperattiva u sabiex issir it-tisqija tal-ġonna fil-lokalita`. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinġibu stimi sabiex ikunu jafu kemm hi l-ispiża għar-restawr tal-ġibjuni.

Is-Sindku ppropona li fl-10 ta' Mejju tiġi organizzata Health Fest li matulha tingħata nformazzjoni dwar l-ikel bnin, isiru testijiet tad-demm u servizzi simili oħra. Is-Sur John J Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tittella' din l-attività. Is-Sindku talab sabiex din l-attivita` tittella flimkien mal-Kunsillieri.

Is-Sindku qal illi l-attivita *The Malta International Food Festival* kienet ser issir fil-31 ta' Mejju 2014 u għal din l-attivita` il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €3,000. Is-Sindku qal ukoll illi l-*catering* għal din l-attivita` kien ser ikun f'idejn l-għaqdiet Żabbarin.

Is-Sur Marc Vella Bonnici talab lis-Sindku sabiex iġin rendikont dettaljat tal-ispejjeż relatati ma l-attivita` *The Malta International Food Festival* qabel ma ssir l-attivita`.

Fit-8.20 ta' filgħaxija is-Sur Marc Vella Bonnici talab li jkun skużat.

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija minħabba nuqqas ta' *quorum*.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-430 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2014.

Quinton Scerri
Sindku